SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 04/K10/24

Data tal-laqgħa: 3 ta' Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
David Caruana – Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Gabriel Borg Ferrando - Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (8)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

04.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando talbu li jiġu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**04.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

04.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 03/K10/24.

04.2.02 Iċ-Ċermen staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni però ma kienx hemm.

04.2.03 Il-Kunsillier Mario Amaira ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

04.2.04 Il-Kunsilliera Patricia Camillieri ssekondatu fl-approvazzjoni.

04.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**04.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

04.3.01 Il-karozza ta' l-anzjani qeda fil-garaxx. Is-Sindku kien talab lill-Kunsilliera jekk kienx hemm xi ħadd li jista jsib *sponsor* pero sallum ħadd għandhu ma rnexilu jagħmel dan. Ġie diskuss jekk għandhiex tinħareġ sejħa għal żewġ calls għal żewġ persuni part time sabiex dawn ikunu jistgħu jsuqu / jagħmlu xi xogħolijiet oħra mal-Kunsill fuq barra u jekk jinharġu dawn is-sejħiet importanti li *requirments* tas-sejħa importanti li jkunu fuq bażi ta' minimu ta' għoxrin siegha sa' massimu ta' disa' u tlettin siegħa.

04.3.02 Fir-rigward il-problema tal-ħamiem, iċ-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill bagħat r-rapporti lis-Sanita fejn u l-Kunsill irċieva risposta b'numru ta' referenza. Ġie deċiż ukoll li ser inkunu qed nibagħatu l-informazzjoni u r-ritratti lil-din il-persuna sabiex tittieħed l-azzjoni neċċessarja.

04.3.03 Ser tintbagħat ittra lill-MTIP dwar il-laqgħa li kellha ssir, fejn il-Kunsill ser ikun qed jitlob li l-laqgħa issir wara 4.00p.m. minħabba li s-Sindku u l-Kunsilliera ma jistgħux jattendu minħabba li jkunu xogħol. Il-Kunsillier Carlo Mifsud issuġerixxa dwar il-problema taż-zebra crossing ta' quddiem il-Melita Pharmacy, huwa ssuġerixxa li għandha ssir *circular route* ġewwa Paceville sabiex din takkomoda

lir-residenti tal-*area* u titneħħa din il-bus stop li qed toħloq ħafna traffiku.

04.3.04 Irċivejna email mingħand ix-Xogholijiet Pubbliċi dwar laqgħa li ser issir. Għal din il-laqgħa ser jattendi l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

04.3.05 Iċ-Ċermen attenda l-laqgħa tar-Reġjun fejn fosthom ġie diskuss li ser jibdew jinħaslu it-toroq ta' Malta kollha min-naħa tal-Ministeru.

04.3.06 Ser tkun qed issir laqgħa mal-Pulizija dwar l-egħluq waqt il-ħin ta' l-iskola. Għal din il-laqgħa għandhom jiġu mistiedna il-Kunsilliera.

04.3.07 Dwar Ġnien Saver Żarb ġew iċċarati l-affarijiet mal-kuntrattur waqt il-laqgħa li saret.

04.3.08 Iċ-Ċermen u l-Kunsillier Carlo Mifsud attendew laqgħa mat-TZRA u ser tkun qed issir laqgħa oħra fil-11 ta' Settembru 2024.

04.3.09 Safar – twinning ma' Kunsentmikloz din ser tkun bejn 5 ta' Settembru 2024 u d-9 ta' Settembru 2024 u oħra li ser issir ġewwa Porto bejn is-27 ta' Settembru 2024 u l-1 t'Ottubru 2024.

04.3.10 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni dwar is-sessjonijiet ta' Aqra miegħi. Din hija sezzjoni li qed issir kull nhar ta' Tlieta. Din diġa intbagħatet lill-iskejjel. Kif ukoll għandha tintbagħat lill-kappilani tal-lokalitajiet sabiex jissemew waqt il-quddies.

04.3.11 Dwar il-problema tal-karozzi tal-kiri iċ-ċermen nforma lill-Kunsill li ntbagħatet ittra lill-LESA, Pulizija kif ukoll Transport Malta. Din l-ittra inqrat waqt il-laqgħa.

04.3.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-problema tal-ATM ta' Ta' Ġiorni ġiet solvuta.

04.3.13 Intbagħatet l-ittra lill-BCRS sabiex tintalab sabiex issir magna tal-BCRS. Pero s'issa għadna ma rċivejna l-ebda risposta. Il-Kunsillier David Caruana talab li jkun preżenti għal din il-laqgħa.

04.3.14 Ser tkun qed tintbagħat ittra lill-kuntrattur tal-knis sabiex jibdew ix-xogħolijiet ta' tindif tal-*culverts*. Huwa ser jingħata *deadline* sabiex dawn jibdew u namluhilu ċara li jekk dan it-tindif ma' jibdiex. Il-Kunsillier Mario Amaira ġibed l-attenzjoni dwar *culvert* li hemm fi Triq Spinola li dan għandu jintnaddaf mill-aktar fis possibli.

04.3.15 Iċ-Ċermen spjega li min-naħa tal-Malta Tourism Authority u l-FTZD qed jagħtu ħafna il-kontribut tagħhom mal-Kunsill. Għandha ssir laqgħa mal-Paceville Centre Town Commitee, fejn jingħata

spjegazzjoni x'inhu jsir bil-*budget*, u l-informazzjoni kollha neċessarja ta' l-opera ta' dan il-kumitat.

04.3.16 Tressqet ghal-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand Għaqda Doninu. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni għal din it-talba.

04.3.17 B'riferenza għal korrispondenza dwar il-'European Week of Sports Local Councils' ġie deċiż li tintbagħat kopja lill-Vici-Sindku sabiex ikun jista' jieħu l-azzjoni neċċessarja.

04.3.18 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza mir-Regjun Lvant dwar l-attivita' The Three Palaces 2024 fejn gie deciz li din ser tintbaghat lill-Vici Sindku.

04.3.19 B'riferenza ghal-Premju Anzjanita' Attiva, l-Kunsill qabel li għandhom jiġu nominati, Is-Sur Albert Storace għal-kultura, is-Sur Martin Sultana għal Anzjanita Attivita u s-Sur Victor Tanti ghal-volontarjat.

04.3.20 Iċ-Ċermen nforma li l-Kunsill ġie notifikat li ser isiru xogħolijiet fil-lukanda Juliani u ġie deċiż li ċ-Ċermen ser jiċċekja jekk hemmx bżonn li ssir oġġezzjoni.

04.3.21 Saret riferenza għal oġġezzjoni li l-Kunsill ircieva fir-rigward applikazzjoni għal ħanut fi Triq Edward De Bono.

04.3.22 Saret diskussjoni dwar l-email li l-Kunsill irċieva fir-rigward il-Kumpless Dun Anton Schiberras.

04.3.23 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza fir-rigward il-Ġnien ta' Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni ġie deċiż li din il-materja terġa tiġi diskussa.

04.3.24 B'riferenza għal korrispondenza dwar il-parkeġġi f'Paceville u c-CCTVs ġie deċiż li din l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li dan issir għas-spejjeż tiegħu.

04.3.25 Wara diskussjoni fir-rigward il-korrispondenza dwar il-bankina fi Triq Birkirkara ġie deċiż li l-Kunsillier David Caruana ser jieħu azzjoni fuq din il-materja.

04.3.26 B'riferenza ghat-talba sabiex l-Kunsill jgħin lil-persuni fil-bżonn, ġie deċiż li għalkemm il-Kunsill ma jistax jagħti l-ammonti ta' flus mitluba kif ukoll isir *sponsor*, il-Kunsill lest li jagħti l-għajnuna neċċessarja.

04.3.27 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq email li rċieva mingħand il-Kunsillier David Caruana b'diversi talbiet.

04.3.28 Iċ-Ċermen ressaq proposta mingħand il-Kunsillier Carlo Mifsud għal tabella tal-*one way*.

04.3.29 Iċ-Ċermen ressaq proposta għal Proġett ta' Project Green li ser issir fi Triq ta' Giorni.

04.3.30 Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill proposta sabiex terġa tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fi Trejqet il-Bajja.

04.3.31 Saret riferenza għal talba sabiex jinbidlu xi sinjali u tabelli fl-area ta' San Giljan Aquatic Sports Club.

**04.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

04.5.01 Intalbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjorina Cher Carmen Fenech tinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għal perjodu ta' xahar. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill approva.

**04.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

04.6.01 Il-Kunsillier Sean Gauci staqsa dwar l-isem tat-triq ta' Triq Gort kif ukoll bozza ġdida li għandha ssir. Huwa spjega dwar il-Pulizija tal-Komunita. Intalab li tintbagħat email lis-Supretendent sabiex naraw kif qed jooperaw il-Pulizija tal-Komunita, kif ukoll terġa tibda ssir l-laqgħa.

04.6.02 Dwar l-email li l-Kunsill irċieva mingħand il-Maltapost dwar *sub post office* li hemm Papier Stationery. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jikteb dwar din l-email sabiex inkunu nafu x'inhuma s-servizzi li qed jagħtu.

04.6.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar kif m'hemmx funzjonijiet ta' banek ġewwa San Ġiljan. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jitlob lill-BOV sabiex jiftaħ branch ġo San Ġiljan. Hija ġibdet l-attenzjoni dwar Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq Edward Debono li qed ikun hemm riħa ta' dranaġġ. Għaldaqstant ser tkun qed tintbagħat ittra lid-Drainage Department. Filwaqt li ser tintbagħat ittra lill-Cleansing Department dwar culvert li hemm fi Triq Birkirkara ħdejn is-supermarket. Hija spjegat dwar BELC – Building Europe with Local Councillors hija tat spjegazzjoni ta' din kif taħdem. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li napplikaw għaliha.

04.6.04 Il-Kunsillier Carlo Mifsud staqsa dwar il-problema ta' Triq William Hardman huwa spjega dwar l-email li bagħat min-naħa tal-Perit. Ser tkun qed issir laqgħa mal-Perit *onsite* sabiex tiġi diskussa din il-materja. Għandhom jiġu nfurmati l-Kunsilliera b'din il-laqgħa. Iddur il-mera fi Triq il-Knisja għal Spinola Road.

04.6.06 Għandha ssir laqgħa ma' Project Green dwar Proġett tal-Ġnien ta' Ta' Ġiorni.

04.6.07 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġie skużat fit-8.20p.m.

04.6.08 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa dwar il-manutenzjoni tal-Knisja tal-Kunċizzjoni. Huwa staqsa wkoll dwar l-proġett li kellu jsir dwar l-Għajn taż-żwiemel, għaldaqstant għandu jsir *follow up*. Tkellem dwar arloġġ ħdejn il-Monument tal-Kunsill, ser inkunu qed niktbu lill-FTZD sabiex dan isir. Barriers ħdejn il-ħajt perikoluż li hemm fil-Balluta. Tkellem dwar l-*advertising barriers* li hemm madwar il-baħar sabiex jiġu jmissu ma' xulxin. Tkellem dwar is-*soft area* li hemm fi Triq San Mikiel sabiex jitnaddaf u jiżdied id-dawl f'din iż-żona. Triq Wilġa hemm bankina fejn qed jżomm l-ilma fejn saret il-bankina.

04.6.09 Il-Kunsillier David Caruana staqsa dwar *road marking* fi Triq Jean Houel u MC bay kif ukoll tabelli *faded* bl-exhaust pipe l-barra. Huwa staqsa dwar l-*elevated zebra crossing* quddiem Pipa Toledo fi Triq il-Baltiku. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li ssir mera fi Triq Lapsi ma' Telghet Birkirkara, ċ-Ċermen għandhu jinforma lill-ħaddiema kkoncernati bil-post fejn. Tappiera quddiem no. 159 Telghet Birkirkara biex isir *tarmac* madwar it-tappiera. Ser tkun qed tintbagħat ittra lill-Pulizija dwar art privata li hemm sabiex jitla' ħajt. Temporary wall of Westin Dragunara sabiex dan jitneħħa. Ser issir laqgħa bejn il-Kunsilliera dwar il-Playing Ground li hemm ġewwa ta' Ta' Ġiorni. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar li hemm bżonn li jsiru *small goves* fi Triq Mikielanġelo Cagiano minħabba li qed jiskidjaw l-karozzi.

**04.5 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

04.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6317 sa 6337 (Ara Appendiċi 'A').

04.5.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**04.6 Skeda tal-Pagamenti**

04.6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B').

04.6.02 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

04.6.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni.

**04.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

04.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgha 2 ta' Ottubru 2024 fil-5.00p.m.

04.7.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Malcolm Agius** |
| **Ċermen** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 02 ta' Ottubru 2024**